**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A47/10

13 ta’ Settembru 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/47**

Ser tissejjaħ laqgħa urġenti tal-Kunsill nhar **it-Tlieta 14 ta’ Settembru 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Diskussjoni u Approvazzjoni dwar Ftuħ Uffiċjali tal-*Football Pitch* fil-Kulleġġ Santa Klara – Skola Sekondarja Antonio Bosio Gżira

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Marion Monaco |
| Sindku | D/Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

7 t' Ottubru 2010

Ref Nru.Klg5/047

Minuti tal-**laqgħa Urġenti** Nru.Klg5/47 li saret it-Tlieta 14 ta' Settembru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mad-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat**

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-13 ta' Settembru 2010.

1. **Diskussjoni u Approvazzjoni dwar Ftuħ Uffiċjali tal-*Football Pitch* fil-Kulleġġ Santa Klara – Skola Sekondarja Antonio Bosio, Gżira.**

**1.1.** Iċ-*Chairman* fetaħ id-diskussjoni billi ta' rendikont tal-laqgħat li kienu saru bejnu, rappreżentanti tal-*Gżira United football Club*, l-*M.F.A.*, Kunsill Malti għall-isports u ta' l-iskola Sekondarja Antonio Bosio. Huwa kompla jgħid, li dawn il-laqgħat kienu ilhom isiru bejn erba' u ħames ġimgħat u issa li l-preparamenti għall-ftuħ hawn fuq imsemmi kienu tlestew, kien ser iressaqhom għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Iċ-*Chairman* qal, li meta ġiet diskussa d-data tal-ftuħ, il-*Headmaster* ta' l-iskola, s-Sur Alfred Grixti, kien issuġġerixxa l-24 ta' Settembru 2010 jew l-1 t'Ottubru 2010 iżda, minħabba l-fatt, li biex dan iseħħ kien hemm ħafna xogħol ta' *printing* ta' l-inviti u fuljett biex jitqassam f'kull dar fil-lokalita', tinkera *P.A. System*, isir riċeviment u ssir plakka kommemorattiva, ġie deċiż li l-inawgurazzjoni ssir fl-1 t'Ottubru 2010 fis-6.30 p.m.

Il-programm li għandu jibda fis-6.30 p.m. tħejja kif ġej:

Diskors ta' l-okkażjoni

Sur Alfred Grixti – Kap ta' l-Iskola Sekondarja Antonio Bosio
l-Onor Dott. Clyde Puli – Segretarju Parlamentari Żgħażagħ u Sport
l-Onor Dott. Stefan Buontempo – Kelliem Ewlieni għall-Gvern Lokali
Sur Norman Darmanin Demajo – President *M.F.A.*
Chev. Simon Grixti – President *G.U.F.C.*
Is-Sindku Dott. Chris Bonett

Isir il-ftuħ uffiċjali billi tinkixef plakka kommemorattiva tal-*perspex* li ser ikun hemm stampati ħames *logos* tal-ħames entitajiet li huma, l-Kunsill Lokali Gżira, l-*M.F.A.*, Kunsill Malta għall-Isports, l-*G.U.F.C.* u l-iskola Sekondarja.

Tintlagħab logħba ta' l-*U/15* u l-*U/17* tal-*G.U.F.C.* u wara riċeviment għal mhux aktar minn mija u ħamsin ruħ li ser isir fl-iskola sekondarja.

Huwa kompla jgħid, li kien ser jiġi ppubblikat fuljett kommemorattiv bi tmienja/tnax -il paġna li ser ikun fih ritratti tax-xogħlijiet li saru u l-persuni li ser jiktbu fuqu kienu *stand by* filwaqt li inviti ser jiġu ppubblikati għand id-ditta *Palmyra Printing Services Ltd* ta' Birkirkara għall-ammont ta' madwar €55.00. Huwa qal ukoll, li kien diġa' kellem lil Alfred Portelli dwar ir-riċeviment u lil David Grasso dwar il-*P.A. System* li x'aktarx din tingħata mingħajr ħlas.

Iċ-*Chairman* irrefera għall-*Memo 122/2010* – Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali li kienet waslet fid-9 ta' Settembru 2010, (Ara *Appendix* Nru:1) u qal, li hu kien ċempel lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern

Lokali, s-Sur Martin Bugelli, fejn spjegalu li d-diskussjonijiet dwar din il-materja kienu ilhom jiġu diskussi għal dawn l-aħħar ħames ġimgħat jiġifieri ferm qabel ma waslet *Memo 122/2010*. Is-Sur Bugelli kien qallu, li tista' ssir eċċezzjoni għar-regola sakemm il-Kunsill 'ma jagħmilx tieġ'.

F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* stieden lill-membri preżenti biex iressqu l-kummenti tagħhom.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu kien favur għal dan il-proġett għaliex dan kien anke ġie diskuss fil-leġislaturi ta' qabel. Huwa kompla jgħid, li ma setax jaċċetta l-infieq għal dak li kien qal verbalment id-Direttur tad-D.G.L. għaliex hu kien qaraha l-*memo* u l-ftuħ ma kien jaqa' taħt l-ebda paragrafu u t-tieni paġna ta' l-istess *memo* tgħid ukoll, li jekk jiġu mistiedna l-konjuġi/*partners*, l-ispejjeż tagħhom m'għandhomx joħorġu mill-fondi tal-Kunsill.

Huwa qal, li l-argument kien ċar u tond li l-Kunsill ma setgħax jaċċetta dak li qal verbalment id-Direttur u għalhekk ma setgħax jivvota favur u jmur kontra dak miktub mid-Direttur. Hu ma kienx ser jassumi din ir-responsabbilita għax jekk din il-memo tgħid le allura d-Direttur ġabna pupi.

Iċ-*Chairman* qal, li din il-problema qamet fil-loġistika għaliex kieku l-*memo* waslet qabel, ma kienx jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel dan ir-riċeviment.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu kien ikun konfortat li kieku din il-materja ġiet diskussa fil-Kunsill qabel iżda, din kienet l-ewwel darba li qed issir diskussjoni.

Iċ-*Chairman* qal, li hu fehem dak li kien qed jgħid il-Kunsillier Ian Micallef iżda, l-affarijiet ġraw kif kien ġie spjegat aktar 'l fuq u staqsieh jekk kienx komdu li r-riċeviment ssir kemm –il darba l-Kunsill jirċievi bil-miktub l-approvazzjoni u tiġi ndikata wkoll, iċ-ċifra massima sabiex isir dan ir-riċeviment mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li din kienet ser toħloq problema għall-Għaqdiet l-oħra tal-lokalita' għax f'dan il-każ qed tinġieb l-approvazzjoni u meta ser ikun hemm affarijiet simili minn Għaqdiet oħra, x'kien ser jagħmel il-Kunsill??

Il-Viċi-Sindku qal, li għalkemm hu kien jaf bir-riċeviment iżda, xejn ma kien uffiċjali u l-Kunsill sar jaf bih f'dawn l-aħħar ġranet.

Iċ-*Chairman* qal, li l-proċedura ta' dan il-Kunsill kienet, li jitlesta x-xogħol kollu mill-Kunsillier kkonċernat u wara jitressaq għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid, li l-Kunsill kien jaf li kienu qed isiru diskussjonijiet dwar din il-materja u hekk kif tlesta dak kollu meħtieġ, bagħat jinforma lill-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku qal, li jekk kemm –il darba l-Kunsill jirċievi l-konferma bil-miktub mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li l-Kunsill seta' jagħmel dan ir-riċeviment, kien ser jivvota favur.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li nkluż fil-konferma jrid ikun hemm ukoll, linja ta' gwida dwar il-finanzi.

Iċ-*Chairman* qal, li meta reġa' kellem lid-Direttur dwar l-*catering*, dan qallu li jkun aħjar jekk l-ammont jonqos bin-nofs. Huwa kompla jgħid, li kemm il-*printing* kif ukoll, il-plakka kommemorattiva kienu ser isiru fil-parametri tal-proċeduri finanzjarji.

Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-ammont tal-*catering* għall-mija u ħamsin ruħ, kien ser ikun ta' madwar €455.79. Minħabba l-fatt, li ngħatat *direct order* ta' €1164.69 (Lm500.) għall-attivita' tat-8 ta' Lulju 2010, u l-ammont tal-*catering* kien ta' €817.29, kienu għaddew biss xahrejn u għalhekk, l-ammont għal din l-attivita' ma setax jaqbeż is-somma ta' €347.40.

Il-Kunsillier Victor Rutter qal, li kien ikun aħjar li kieku din il-materja ġiet diskussa fil-Kunsill minn qabel.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li bir-rispett kollu kellha tintgħażel data li jkun jista' jattendi kulħadd għaliex kemm hu kif ukoll, l-Viċi-Sindku kienu ser ikunu msefrin fl-1 t'Ottubru 2010.

Iċ-*Chairman* qal, li dan ma kienx nuqqas minn naħa tiegħu għaliex hu anke xtaq l-preżenza tal-mibki Albert Rizzo iżda, minħabba l-fatt li l-post m'huwiex tal-Kunsill, l-kap ta' l-iskola kien tagħna d-dati pero' hu kien ser jerġa' jkellmu biex jipprova jibdel id-data.

Rigward il-persuni li kienu ser jiktbu fil-fuljett, il-Kunsillier Ian Micallef qal, li bħala Kunsillieri eletti fil-minoranza, huwa jħoss li huma wkoll għandhom jipparteċipaw f'din l-okkażjoni u jgħaddu l-messaġġ tagħhom għax fuq kollox din hija okkażjoni pożittiva.

Iċ-*Chairman* qal, li kien ser jara x'jista' jagħmel f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Ian Micallef staqsa x'kien ser ikun il-*wording* ta' fuq il-plakka kommemorattiva.

Iċ-*Chairman* wieġeb, li l-*wording* ser ikun 'Flimkien żammejna l-kelma mat-tfal tal-Gżira'.

Wara din id-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef mal-*wording* tal-plakka kommemorattiva.

Għaldaqstant, ttieħdet il-votazzjoni dwar il-ftuħ uffiċjali u r-riżultat kien tas-sitt membri preżenti favur.

Rigward ir-riċeviment, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li dan isir jekk kemm –il darba l-Kunsill jkollu l-approvazzjoni bil-miktub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**1.2.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Marion Monaco |
| Sindku | D/Segretarju Eżekuttiv |

L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali* *Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XII

9 ta' Settembru 2010

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 122/2010**

**IKLIET/RIĊEVIMENTI ORGANIZZATI MILL-KUNSILLI LOKALI**

Sabiex ikun hemm linji gwida ċari u ma jkunx hemm lok għall-interpretazzjoni differenti qed tingħata direttiva lill-Kunsilli Lokali illi jistgħu jiġu organizzati riċevimenti/ikliet **biss** skont kif ġej:

1. Dawk il-Kunsilli li jħossu li għandhom jorganizzaw xi riċeviment/ikla biex juru apprezzament lil dawk il-voluntiera li matul is-sena jkunu taw l-għajnuna tagħhom lill-Kunsill, jistgħu jagħmlu dan **biss** waqt l-attivitajiet organizzati għal Jum il-Lokal. Il-Kunsill jista' jonfoq sa massimu ta' €50 kull persuna f'każ ta' ikla u sa massimu ta' €25 kull persuna f'każ ta' riċeviment. L-ispiża globali għall-attivitajiet ta' Jum il-Lokal m'għandhiex taqbeż l-ammont ta €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni, liema minnhom tkun l-ogħla.

2. Dwar il-festini ta' żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-Kunsill jista' jorganizza riċeviment/ikla **waħda biss** fejn ikunu mistiedna s-Sindku, l-Kunsillieri, is-Segretarju Eżekuttiv, l-istaff u l-impjegati tal-Kunsill biss. F'dan il-każ ukoll, il-Kunsill jista' jonfoq sa massimu ta' €50 kull persuna f'każ ta' ikla u sa massimu ta' €25 kull persuna f'każ ta' riċeviment.

3. F'kaz ta' stediniet uffiċjali ta' Sindki, viċi Sindki jew Kunsillieri minn barra l-pajjiż, l-Kunsill jista' jorganizza riċeviment/ikla bi spiża massima ta' €50 kull persuna f'każ ta' ikla u sa massimu ta' €25 kull persuna f'każ ta' riċeviment. Il-Kunsill jista' jistieden lis-Sindku u Kunsillieri jew xi mistieden ieħor li jista' jikkontribwixxi għall-għan li għalih qed issir din il-viżita. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun ukoll preżenti sabiex jakkumpanja d-delegazzjoni fl-ikla. F'każ li din l-attivita' tkun konnessa ma' ġemellaġġ, il-Kunsill għandu jimxi mal-provvedimenti ta' l-Avviż Legali 144/2009.

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 1443
TEL: 21 226534-6 FAX: 21 224904

**F'kull każ imsemmi hawn fuq, il-Kunsill għandu jara li jkollu l-flus ivvutati għal dan il-għan, u li tali spejjeż ma jkunux a detriment ta' l-operat finanzjarju tal-Kunsill.**

**Is-servizzi konnessi ma' dawn l-attivitajiet u l-għażla ta' l-istabbilimenti fejn ikunu ser isiru, għandhom isiru wara li jintalbu kwotazzjonijiet u/jew tinħareġ sejħa għall-offerti skont il-każ, u l-Kunsill għandu jara li jiġu osservati l-proċeduri ta'** ***procurement.***

**F'każ li jiġu mistiedna l-konjuġi/*partners*, l-ispejjeż tagħhom m'għandhomx joħorġu mill-fondi tal-Kunsill.**

Silvio Frendo
għad-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika)

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

*Gd/my documents/silvio/ikliet u riċevimenti)*